# “Marija baqgħet tgħożż f’qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha”
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Jannar 2026

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Minn qalb Missieru tnissel,
fil-bidu sa mid-dwiem;
hu l-Alfa, hu l-Omega,
hu waħdu l-bidu u t-tmien
ta’ kulma sar, fl-imgħoddi,
illum, jew ’il quddiem.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Sar bniedem, u ħa s-sura
tal-ġisem fqir li jmut,
biex jifdi ’l min fil-jasar
kien ilu wisq mixħut,
u jneħħi l-mewt li daħħal
Adam bid-dnub misħut.

*Missierna, Sliema, Glorja*

L-Omm Verġni mbierka ġiebet
fid-dinja l-frott misjur
bil-qawwa tal-Ispirtu,
lil Kristu s-Salvatur
tal-poplu l-ġdid li kiseb,
minn kullimkien miġbur.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Dan hu l-Messija mwiegħed
fil-bidu tal-ġrajjiet;
il-patrijarki saħħu
tamietu f’qalb l-ulied;
u tħabbar mill-profeti
matul iż-żminijiet.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tifħir u glorja w barka
’l Alla, l-Missier ħanin;
lil Ibnu, li mill-Verġni
sar bniedem għall-bnedmin;
u lill-Ispirtu s-Santu,
li jżommna mal-ħajjin. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Wara r-riforma tal-kalendarju liturġiku fl-1969, il-Knisja għażlet li ttemm l-ottava tal-Milied u tpoġġi fi tmiem u l-bidu ta' sena ċivili ġdida s-solennità ta' Marija Omm Alla. F'dan il-ħin ta' talb u qima, hekk kif ninsabu fl-ewwel jiem tas-sena, aħna wkoll, quddiem Ġesù Ewkaristija, se nieħdu dik l-istess qagħda tagħha li jiddeskrivilna l-Evanġelista Luqa fir-rakkont tat-twelid ta' Ġesù u ż-żjara tar-ragħajja: "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lq 2, 19).
Hija qagħda kontemplattiva, mhux ċassa jew sempliċi thewdin tal-moħħ. U hija wkoll qagħda kontemplattiva fis-sens litterali tal-kelma—"cum" u "templum"—li aħna jeħtieġ li nieħdu hekk kif ninsabu flimkien madwar il-Mulej fit-tempju mqaddes tiegħu. Hija wkoll għażla ta' stil ta' ħajja mgħixa mhux sempliċiment bħala l-mogħdija minn ħaġa għal oħra f'katina ta' ġrajjiet sbieħ u koroh, imdomma b'sensiela ta' ġrajjiet monotoni u ta' kuljum. Marija tgħallimna l-qagħda tassew Nisranija ta' kif ngħixu l-istess ħajja li jgħix kulħadd imma b'mod għal kollox differenti: Billi ngħożżu f'qalbna, inħarsu l-memorja ta' dak li ngħaddu minnu. U dan ma nagħmluhx b'nostalġija jew b'sentimentalużmu, imma għax nafu li kull mument jista' jkun u, tassew, huwa mument ta' grazzja, u ngħarbluh bejna u bejn ruħna bħala parti mill-ġrajja tas-salvazzjoni li għadha sseħħ hawnhekk, illum ukoll, fl-issa u l-illum tal-istorja tad-dinja.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (2, 16-19)
F'dak iż-żmien, ir-ragħajja marru jgħaġġlu, u sabu lil Marija u lil Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kulma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-ragħajja. Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, f'dan il-mument ta' adorazzjoni, nieqfu nħarsu lejk u nħalluk tħares lejna, inti li inti "l-Alfa u l-Omega, l-Ewwel u l-Aħħar, il-Bidu u t-Tmiem" (Apok 22, 13). Inti li "hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem" (Lhud 13, 8), l-ilbieraħ, l-illum u l-għada tal-ħajja tagħna. Fil-ħemda ta' dan il-mument ta' qima—li ma tistax tkun qima tassew jekk ma tiqafx fis-skiet mimlija għoġba quddiem il-misteru tiegħek—nixtiequ aħna wkoll, fl-istess qagħda ta' Marija

ommok, inħarsu lura u 'l quddiem hekk kif għaddejjin mill-bieb ta' Jannar—isem marbut mal-kelma bil-Latin "ianua" li tfisser "bieb"—biex nagħlquh fuq is-sena l-oħra u ngħixu fis-sala u nitilgħu fuq il-palk biex ngħixu d-dramm ta' din is-sena. Bil-ħarsa kontemplattiva ta' ommok Marija rridu nħarsu lejn il-ġrajjiet tagħna u dawk tal-Knisja u tad-dinja, ħalli jkollna l-ħila nagħrfuk preżenti u attiv, ukoll jekk fis-skiet u b'mod li faċli ma nindunawx bih minħabba l-pass mgħaġġel u bilġri li bih qed ngħixu ħajjitna.

U allura, hekk kif qed nagħlqu l-bieb bil-mod, ma' Ommok iżżommna minn idna b'tant għożża, nitolbuk iddawwalna biex tnebbaħna xi tridna ngħożżu mis-sena ta' grazzja li għaddiet. Fakkarna, Mulej Ġesù, il-grazzji kbar u żgħar li bihom ġejt iżżurna biex, bħalma għamilt mar-ragħajja, turina li ma nsejtniex u li inti Alla magħna.

Urina liema huma l-ħsibijiet u l-esperjenzi li tridna nibqgħu nixtarruhom tul dis-sena ħalli minnhom nieħdu l-iktar nutriment, sosten u enerġija possibbli. U, għaliex le, min-naħa tagħna bħala persuni liberi li ngħumu fl-imħabba tiegħek, nieqfu naħsbu wkoll dwar dak li bih nixtiequ nimlew qalbna u moħħna tul din is-sena. Fil-ħniena tiegħek, o Ġesù ta' qalb ħelwa u umli, keċċi minna l-ħsibijiet fiergħa li ħlewna tul is-sena li għaddiet sabiex dis-sena inti u l-proxxmu tagħna tkunu fil-qalba tal-ħsibijiet tagħna.

U agħmel li din il-ħarsa lura u 'l quddiem tkun mimlija tama, hekk kif wasal fi tmiemu l-Ġublew iddedikat lil din il-virtù teologali. Bħalma, matul dis-Sena Mqaddsa, ħallejna jniżżel iktar l-għeruq fina l-misteru tal-imħabba tiegħek billi ssaħħaħna fit-tama fi żminijiet li ta' spiss jidhru nieqsa mill-possibbiltà tat-tama u li qajla għandhom x'joffrulna mill-ġmiel tiegħek, imqawwija b'din il-virtù, nixtiequ li nkomplu niżirgħu ż-żerriegħa tat-Tama l-kbira tiegħek, l-aktar f'dawk is-sitwazzjonijiet li jidhru għal kollox bla tama u fil-qlub l-iktar maqtugħa.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

## Innu Ewkaristiku

> Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll bil-grazzja ta' Alla. (Gal 4, 4-7)

Bħala wlied ħielsa tal-Missier f'ħuna l-kbir Ġesù li sar bniedem permezz ta' Marija verġni, ejjew inferrgħu f'riġlejn il-Mulej, preżenti u ħaj fostna fl-Ewkaristija, it-talbiet u x-xewqat qaddisa tagħna għal dak li seħħ u għal dak li għad irid jiġi.

- Dawwar il-ħarsa tiegħek fuqna, il-poplu qaddis tiegħek, sabiex, imqawwija bit-tama tul il-Ġublew, ngħożżu f'qalbna din il-perspettiva fuq il-ġrajjiet

taghna u tal-umanità u hekk inkunu nistgħu ngħixu fis-sliem u ngħumu fl-hena tiegħek. Nitolbu.

- Ħares mill-ġdid lejn l-umanità mifdija minnek u mill-ġdid għarrafha li l-pjanijiet li ħsibt għaliha huma pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara, li tagħtiha ġejjieni mimli tama u ħelsien sħiħ minn dak kollu li ijassarha, ukoll jekk taħseb li dan il-jasar qed jagħmilha aktar libera. Nitolbu.
- Quddiemek inħarsu lejn l-istejjer ta' mħabba li rajna jinbtu madwarna u jhennuna, u wkoll lejn dawk li sfaw imqallba jew qed jisfaxxaw sabiex, permezz tal-ħarsa tagħna, inti tkun tista' tħares bi mħabba u xxettel is-sabar, il-maħfra, u r-rispett ġenwin, u tfakkar li għall-imħabba vera ma jistax ikun hemm tmiem. Nitolbu.
- Quddiemek u miegħek nixtiequ nħarsu lejn dawk li qiegħed tistenna tweġiba mingħandhom għas-sejħa li poġġejt f'qalbhom, bħalma għamel l-Anġlu Gabrijel quddiem ommok Marija. Agħtihielhom bħala faraġ u mudell għal "iva" ħielsa u sħiħa. Nitolbu.
- Agħti lilna, hawn miġbura, li noħorġu mid-dlamijiet tagħna għad-dawl tiegħek tal-għaġeb sabiex inħallu ħarstek tinfidna u ssaffina, taħraqna u tqawwina, ħalli kuljum mill-ġdid inħalluk tmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem. Nitolbu.
- Quddiem il-ħarsa ħanina tiegħek inpoġġu lil ħutna l-mejtin li għadhom qed jistennew li jarawk wiċċ imb wiċċ, b'mod speċjali qraba u ħbieb tagħna li mietu matul is-sena li għaddiet, u wkoll tant suldati u ċivili li mietu u għadhom qed imutu fid-diversi gwerer u kunflitti li qed jifnu d-dinja. Iddumx ma tilqagħhom fil-hena tiegħek bla tmiem. Nitolbu.

Bit-twelid tiegħek tal-għaġeb minn Marija Verġni, inti nżilt bħal xita fuq ir-raba' bil-għatx, biex issalva l-bnedmin. Ħares lejna bi tjieba u ilqa' dan it-talb u tant talb ieħor li hemm mistur ibaqbaq fi qlubna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali